MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2010

Talba Numru. 444/2010

**Go Plc (C-22334)**
**Vs**
**Raymond Cefai (K.I. 314963M)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' mitejn erbgha u disghin ewro u hamsa u erbghin centezmu (€294.45) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil Go Plc in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni (AC40091478) skont diversi kontijiet mibghuta lilu u skont kif jirrizulta mid-dokumenti annessi mat-talba mmarkati IZY 1 u 2.

Illi nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut li minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjes u l-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notfikat.

Ra li l-konvenut deher quddiem dan it-Tribunal nhar il-11 ta' Mejju 2010 u li xehed bil-gurament quddiem dan it-Tribunal u t-Tribunal semgha lil-istess konvenut jammetti bil-gurament tieghu t-talba attrici.

It-Tribunal jidhirlu li s-Socjeta attrici rnexxielha tipprova t-talba taghha quddiem dan it-Tribunal.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------